**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 13**

**Avviz numru 1588/01JR**

**V. Bigeni Company Limited**

**vs**

**IncomingTravel Bureau Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' elf u mija u tmien liri Maltin (Lm1108.00), u fejn intqal:**

**Illi s-socjeta' konvenuta kriet zewg "farmhouses" tas-socjeta' attrici f'isem il-klijenti ta' l-istess socjeta` konvenuta. Dawn iz-zewg kirjiet gew fatturati bil-fatturi numru mija u disgha u tletin (139) tal-ghaxra (10) t'Ottubru elfejn**

**(2000) ammontanti ghal sitt mija u sittin lira (Lm660.00) u bil-fattura numru mija u hamsin (150) tas-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) ammontanti ghal erba' mija u erbghin lira (Lm440.00) annessi mal-avviz u mmarkati rispettivament bhala Dok."V.G." u "V.G.1".**

**L-ammont dovut ghall-fatturi sucitati gie rikonoxxut mis-socjeta` konvenuta permezz ta' resokont datat tletin (30) t'April tas-sena elfejn u wiehed (2001) anness mal-avviz u mmarkat bhala Dok."V.G.2" izda minkejja bosta interpellazzjonijiet, l-ammont dovut ta' elf mija u tmien liri (Lm1108.00) baqa' ma thallasx peress illi s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez tal-proceduri presenti;**

**Bl-imghax legali mid-dati tal-fatturi sad-data tal-hlas effettiv.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Victor Bigeni, direttur tas-socjeta` attrici, li kkonferma l-fatturi esebiti, kif ukoll li l-ammont ghadu kollu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u mija u tmien liri Maltin (Lm1108.00) bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Novembru, 2000 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**